# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 7 ta' Ottubru 2024**

**Numru : 12**

**Rikors numru: 1385/2023/1 AJD**

**Professur Anthony *sive* Tonio Borg**

**v.**

**Università ta' Malta**

1. Din is-sentenza titratta l-appell inċidentali tal-attur mis-sentenza li tat il-Qorti Ċivili, Prim'Awla fil-25 ta' Marzu 2024. Bil-kawża l-attur ilmenta dwar id-deċiżjoni tal-Università ta' Malta li ma kienx eliġibbli li jiġi kkunsidrat għall-promozzjoni ta' Professur, għaliex skont il-Ftehim Kollettiv ma kienx ilu tmien snin fil-kariga ta' Professur Assoċjat. F'ittra datata 3 ta' Marzu, 2023 ir-Rettur tal-Università ta' Malta għarraf lill-attur li l-Promotions Board kien sab li l-attur ma kienx eliġibbli biex jiġi

kkunsidrat għall-promozzjoni minħabba li skont paragrafju 26.8d tal-Ftehim Kollettiv il-promozzjoni tingħata lill-Associate Professor :

> *“.... following a sustained record of excellent academic work carried out at Senior Level Lecturer level and Associate Professor level, of not less than eight (8) years in total....”*;

u l-attur ma kellux dawk it-tmien snin għaliex sar Lettur Anzjan fl-20 ta’ Frar 2019 u Professur Assoċjat fl-24 ta’ Marzu 2020.

2. Fil-kawża l-attur talab lill-Qorti sabiex:-

i. *“Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-awtorita’ intimata ossia l-Universita’ ta’ Malta eċċediet u aġixxiet ultra vires meta irrifjutat li tikkonsidra l-Professur Dottor Tonio Borg bħala eliġibbli għal promozzjoni għal kariga ta’ Professur fi ħdan l-istess Universita’ ta’ Malta, u dan bi ksur tal-Ftehim Kollettiv surreferit għal raġunijiet premessi;*

ii. *Tiddikjara u tiddeċiedi wkoll illi l-aġir tal-awtorita’ intimata ossia l-Universita’ ta’ Malta jammonta għal abbuż ta’ poter minħabba li injorat il-konsiderazzjonijiet rilevanti fid-deċiżjoni ta’ rifjut tagħha kif ukoll għaliex abdikat mir-responsabilita’ legali tagħha kif fuq spjegat, u għalhekk tali rifjut hu null u bla effett;*

iii. *Konsegwentement, tiddikjara u tiddeċiedi li l-istess awtorita’ intimata ossia l-Universita’ ta’ Malta, hija responsabbli għad-danni li sofra l-istess rikorrenti l-Professur Dottor Tonio Borg, jew li għad jista’ jsofri minħabba dan l-aġir illegali tagħha;*

iv. *Tillikwida d-danni hekk kaġunati;*

v. *Tordna u tikkundanna lill-istess awtorita’ intimata, ossia l-Universita’ ta’ Malta, tħallas lill-esponenti d-danni hekk likwidati;”*

3. B’sentenza tal-25 ta’ Marzu 2024 l-Ewwel Qorti laqgħet l-ewwel żewġ talbiet iżda ċaħdet l-aħħar tliet talbiet.

4. B’rikors preżentat fl-10 ta’ April 2024 l-Università ta’ Malta appellat. Appell li b’digriet tat-18 ta’ Lulju, 2024 ġie dikjarat deżert peress li l-Università ta’ Malta ma tatx il-kawtela skont l-Art. 249(1) tal-Kap. 12. Min-naħa tiegħu fl-10 ta’ Ġunju 2024 l-attur ta l-garanzija għall-appell inċidentali.

5. Fit-tweġiba preżentata 3 ta’ Mejju 2024 l-attur ressaq appell inċidentali u ilmenta li jekk ma jsirx Professur sal-1 ta’ Ottubru 2024, ser ikollu jaqleb minn *full time* għall-*part time* b’effett mill-1 ta’ Ottubru 2024. Dan ser iwassal għal differenza fis-salarju ta’ impjegat *full time* għal wieħed *part time*, apparti d-differenza bejn salarju ta’ *associate professor* u *professor*. Fatt li ma kienx iseħħ li kieku l-Università aċċettat ir-rakkomandazzjoni oġġettiva tal-Kummissarju dwar l-Edukazzjoni fl-Uffiċċju tal-Ombudsman, u baqgħet issostni l-argumenti żbaljati. Għalhekk jippretendi li l-konvenuta għandha tikkumpensah.

6. Fl-4 ta’ Ġunju 2024 il-konvenuta wieġbet għall-appell inċidentali. Bis-sentenza appellata ma ġiex deċiż li l-attur għandu jingħata l-promozzjoni għall-Professur, u dan peress li hi l-Università ta’ Malta li għandha dik is-setgħa. Peress li m’huwiex ċert li r-rikorrent kien ser jingħata l-promozzjoni, ma jirriżultax li r-rikorrent sofra jew se jsofri xi dannu. Għalhekk m’hemm l-ebda dannu li għandu jiġi kkumpensat.

7. L-Ewwel Qorti ċaħdet it-talbiet għad-danni għal dawn ir-raġunijiet:

*"A* ***Ħlas ta' Danni***

2. *Fit-tielet talba tiegħu, ir-rikorrent qiegħed jitlob lil din il-Qorti tiddikjara illi l-Universita' ta' Malta hija responsabbli għal danni sofferti mir-rikorrenti jew li huwa għad jista' jsofri minħabba l-aġir illegali tagħha. Konsegwentement, fir-raba' talba tiegħu, ir-rikorrent jitlob il-likwidazzjoni tal-istess danni, u fil-ħames talba jitlob lil din il-Qorti tordna lill-Universita' intimata tħallas id-danni hekk likwidati;*

3. *Dawn it-talbiet qed isiru fit-termini tal-Artikolu 469A(5) tal-Kap 12 illi jgħid:*

> *(5) F'azzjoni li ssir bis-saħħa ta' dan l-artikolu l-attur ikun jista' jinkludi fit-talbiet tiegħu talba għall-ħlas tad-danni li tkun imsejjsa fuq ir-responsabbiltà allegata tal-awtorità pubblika li tkun għamlet delitt jew kważi delitt li joħroġ mill-att amministrattiv. Dawk id-danni ma għandhomx jingħataw mill-qorti meta minkejja l-annullament tal-att amministrattiv l-awtorità pubblika ma tkunx aġixxiet in mala fede jew b'mod mhux raġonevoli jew meta l-azzjoni mitluba mill-attur setgħet legalment u raġonevolment ġiet miċħuda taħt kull setgħa oħra.*

4. *Id-danni illi qiegħed jitlob ir-rikorrent jirrappreżentaw id-dħul illi kien jipperċepixxi r-rikorrent li kieku ġiet approvata l-applikazzjoni tiegħu, u cioe d-differenza fis-salarju illi tilef per konsegwenza tal-fatt illi l-applikazzjoni tiegħu għall-promozzjoni ġiet rifjutata;*

5. *Huwa minnu illi qiegħed jiġi dikjarat illi d-deċiżjoni tal-Universita' in kwantu ġiet rifjutata l-applikazzjoni tar-rikorrent sabiex huwa jiġi promoss għal Professur kienet waħda meħuda fuq konsiderazzjonijiet irraġonevoli; madanakollu, din il-Qorti tqis illi dan il-fatt biss m'għandux jiġi interpretat fis-sens illi, li kieku l-Universita' kkunsidrat l-applikazzjoni tar-rikorrent fid-dawl tal-kriterji kollha stabbiliti fil-Ftehim Kollettiv, l-applikazzjoni tar-rikorrent kienet sejra awtomatikament tiġi approvata. Dan fid-dawl tal-premessi illi bdiet il-konsiderazzjonijiet tagħha bihom din il-Qorti aktar 'il fuq, cioe illi dak illi qed jiġi indagat mhuwiex il-mertu tad-deċiżjoni illi ttieħdet per se, iżda jekk tali deċiżjoni kinitx waħda ultra vires jew le. Il-Qorti ma tarax għalhekk illi jkun għaqli illi takkorda wkoll danni gialadarba m'hemm l-ebda garanzija illi l-applikazzjoni tar-rikorrent kienet ser tiġi approvata li kieku ġiet ikkunsidrata fid-dawl tal-kriterji kollha, u mhux fid-dawl tal-kriterju tat-tmien (8) snin biss;*

6. *In oltre, fid-deċiżjoni tagħha illi ma tillikwidax danni, din il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt illi d-deċiżjoni finali illi minnha ilmenta r-rikorrent ġiet komunikata lilu fil-11 t'Ottubru 2023, u cioe ħames (5) xhur ilu, u l-kawża odjerna ġiet mismugħa u deċiża b'urġenza;*

7. *Din il-Qorti sejra għalhekk* ***tiċħad*** *it-tielet, raba' u ħames talbiet rikorrenti.*

8. L-attur ibbaża l-kawża tiegħu għal stħarriġ ta' għemil amministrattiv, fuq l-Artikolu 469A(1)(b)(i) u (iii). Fin-nota ta' sottomissjonijiet argumenta *inter alia*:

> *"39. Fi kwalunkwe każ, ir-rikorrenti jissottometti li jekk jirriżulta illi d-deċiżjoni ta' rifjut ta' eliġibilita' kienet bi ksur tal-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan għaliex din l-Onorabbli Qorti issib li hija għal kollox irraġonevoli jew tammonta għal abbuż ta' poter, allura għandu jiġi kalkolat u likwidat, id-dħul li kien jipperċepixxi ir-rikorrent anki wara l-1 ta' Ottubru 2024 għandu jiġi likwidat fuq il-linji ta' regoli indikati mix-xhud Sinjura Fenech b'effett mill-1 ta' Ottubru 2024"*.

9. L-Ewwel Qorti ċaħdet it-talba għad-danni minħabba li m'hemmx garanzija li l-applikazzjoni tal-attur kienet ser tkun approvata jekk jiġu kkunsidrati l-kriterji kollha, u d-deċiżjoni li minnha ilmenta ġiet komunikata lilu fil-11 ta' Ottubru, 2023, ċioè ħames xhur ilu u l-kawża instemgħet u ġiet deċiża bl-urġenza.

10. Peress li l-appell tal-Università ta' Malta ġie dikjarat deżert, saret ġudikat dik il-parti tas-sentenza appellata li ddikjarat nulla u bla effett id-deċiżjoni tal-Università. Dan ifisser li l-applikazzjoni tal-attur sabiex jingħata l-promozzjoni għall-Professur u li saret f'Ottubru 2022, għadha pendenti u l-Promotions Board ikollu jerġa' jikkunsidraha u jagħmel ir-rakkomandazzjoni tiegħu biex eventwalment il-Kunsill tal-Università jieħu deċiżjoni. Ovvjament għadu m'huwiex magħruf jekk l-attur huwiex ser jingħata l-promozzjoni għall-Professur u fl-affermattiv b'effett minn meta.[1]

---

[1] Skont il-Ftehim Kollettiv, *"32.1 Normally, the granting of a promotion will be backdated to the time of application, provided that the Board may recommend the granting of a promotion from a later date in the event that new provisions or testimonials are submitted subseqent to the date*

11. Wara rikors preżentat mill-attur fit-23 ta' Settembru 2024 din il-qorti awtorizzatu jippreżenta żewġ dokumenti, waħda minnhom ikun il-kopja tal-ittra datata 6 ta' Awissu 2024 li rċieva mingħand ir-Rettur tal-Universita' u li fiha jingħad, *"... your current permanent appointment with the University of Malta will be drawing to a close on the 30 September 2024"*. Mid-dokument l-ieħor maħruġ minn Jobsplus bid-data tal-14 ta' Awwissu 2024, jirriżulta li r-raġuni għat-terminazzjoni tal-impjieg permanenti hi minħabba *"riżeanja:pensjonant"*. Madankollu, fit-tweġiba li ppreżentat l-Università fis-27 ta' Settembru 2024 jingħad li l-attur xorta ser jibqa' jagħti servizz ta' *visiting lecturer* u li l-applikazzjoni tiegħu għall-kariga ta' professur għadha qiegħda tiġi proċessata. Fiha wkoll konferma li jekk jingħata l-promozzjoni għall-Professur, ser ikun qiegħed jingħata l-benefiċċju tal-istess promozzjoni b'mod retroattiv minn dik id-data li fiha l-Bord tal-Promozzjonijiet ikun jidhirlu li l-attur ikun issodisfa l-kriterji għall-promozzjoni. Dan ikompli jikkonferma li l-kwistjoni dwar il-kariga ta' Professur għadha miftuħa, kif inhi l-kwistjoni dwar il-ħlas li jista' jkun intitolat għalih fl-eventwalità li jingħata l-kariga.

12. Din il-Qorti ma taqbilx mas-sentenza appellata li ċaħdet l-aħħar tliet talbiet fil-meritu. Ladarba m'huwiex magħruf hijiex ser tintlaqa' l-applikazzjoni tal-attur għall-promozzjoni u jekk tingħata b'effett minn

---

*of the application. 32.2. Should a promotion not be backdated, the applicant can request to be informed of the reasons why such promotion has not been backdated"* (Ftehim Kollettiv 2019-2023 għall-ħaddiema akkademiċi).

meta, it-talba għad-danni hi intempestiva. Għalhekk it-tielet, ir-raba' u l-ħames talbiet ma kellhomx jiġu deċiżi fil-meritu, iżda biss dikjarat li huma intempestivi sabiex b'hekk il-kwistjoni tibqa' impreġudikata.

**Deċiżjoni**.

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tilqa' l-appell inċidentali fis-sens biss illi tħassar dik il-parti tas-sentenza appellata li ċaħdet it-tielet, ir-raba' u l-ħames talbiet u, minflok, tiddikjara li huma intempestivi.

Spejjeż tal-appell inċidentali jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

Mark Chetcuti
Prim Imħallef

Giannino Caruana Demajo
Imħallef

Anthony Ellul
Imħallef

Deputat Reġistratur
ss